ŻEBBUĠ

<u>Minuti</u> **tas-Seduta Nru. 11/12**
***Kienet addottata Aġenda nru. 08/2012***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 10/12 U LAQGĦA URĠENTI

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 10/12 u tal-Laqgħa Urġenti ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 10/12 U LAQGĦA URĠENTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN BIN-NRU. 34/12

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 34/12 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala konfermata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Avviż għall-istampa dwar sejħa għal proposti ta' proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Assi ta' Prijorita' 6: 'Riġenerazzjoni urbana u titjib fil-kwalita' tal-ħajja'. Is-Sindku u l-Viċi Sindku kienu ser jattendu għas-sessjoni ta' informazzjoni dwar din is-sejħa. Trasport għas-sessjoni se jkun provdut mill-Kunsill.

Komunikat mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar mistoqsija parlamentari fuq Triq Skapuċċina u Triq is-Sagħtrija. Dwar Triq is-Sagħtrija fejn qed jingħad li qed tisfronda t-triq, ġie deċiż li ssir *site visit* mal-Perit tal-Kunsill.

Komunikat tal-Onor. Justyne Caruana dwar il-bankina quddiem ir-residenza ta' Saveria Camilleri fi Triq Skapuċċina. Kien miftiehem li ssir *site visit* mal-Perit.

Il-Kunsillier Refalo qal ilmentaw miegħu dwar il-kwistjoni tal-qlib tal-ilma tax-xita fi Triq Għajn Mhelhel, fejn kien sar it-tarmak quddiem ir-residenza 'Shalom'. Kien miftiehem li ssir *site visit* mal-Perit.

Ittra mibgħuta minn JP2 Foundation dwar kunċert mis-Sopran Luciana Distante u Realino Mazzotta fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ. Il-Kunsill ma approvax l-ispejjeż ta' dan il-kunċert.

Komunikat tad-Direttur Tabone tal-Ministeru għal Għawdex dwar taraġ li jagħti għall-baħar fl-inħawi ta' Taħt ix-Xifer.

Ittra tal-kittieb Charles Bezzina dwar il-ktieb tiegħu 'When the Siren Wailed'. Il-Kunsill approva x-xiri ta' tlett kopji ta' dan il-ktieb.

Ittra mibgħuta minn Green MT dwar ftehim ġdid għall-ġbir ta' skart tal-ippakeġġjar. Il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' ma' tal-Green MT qabel il-laqgħa tiegħu li jmiss.

| **Applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Gozo Jeep Tours<br>Attivitajiet soċjali (lunch)<br>nhar l-1, is-6 u d-19 ta' Ottubru 2012<br>fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |

Stejjem ta' Galea Curmi Engineering Consultants biex jitwaħħlu żewġ lampi ġodda, waħda fi Triq Ta' Milied u oħra fi Triq Skapuċċina (fejn ta' Mangion). Dawn iż-żewġ bozoz se jkunu kunsidrati l-quddiem.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-ċedola tal-pagamenti skeda nru. 06/2012 – DOK A kienet approvata.

## 7. IR-RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA 2011

Ir-Rapport Annwali Amministrattiv għall-2011 ittieħed bħala moqri mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Amministrattiv u kien iffirmat mis-Sindku u s-Segretarja Eżekuttiva.

## 8. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

KOSTRUZZJONI TA' BANKINA FI TRIQ IL-KNISJA K/M TRIQ ĠOMA

Il-Kunsill qabel li l-kuntratt tal-bankina tal-każin tal-banda jingħata lil Joseph Mercieca, l-unika offerent li kien hemm.

## 9. XOGĦLIJIET FI TRIQ IL-MADONNA TAĊ-ĊIĊRI

Dwar il-*water culvert* u x-xogħlijiet relatata fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, is-Segretarja Eżekuttiva qalet il-Perit irreveda l-istima li kien ħareġ bil-prezzijiet tal-kuntratt tat-tarmak. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet hemm spiża ta' €16,246. Il-Kunsill approva x-xogħlijiet li hemm bżonn isiru fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.

## 10. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment 32/2012 – Ġeraldu Axiaq
Talab biex isir traqqiegħ bil-konkos ta' ħofor fi Triq Ta' Żuki. Xogħol ta' traqqiegħ approvat – isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 51/2012 – Loreta Axiaq
Jinbidel il-bank ta' maġenb ir-residenza 'Merħba' fi Triq Għajn Mhelhel. It-talba kienet approvata.

Ilment 52/2012 – Victor Agius
Biex jitnaddaf il-*water culvert* ta' quddiem ir-residenza 'Nicholas Hse' fi Triq il-Kaċċaturi u titranġa l-grada tal-istess *culvert*. Talba approvata; jagħmel ix-xogħol Joseph Cefai.

Ilment 53/2012 – Michael Xuereb
Ilmenta dwar il-ħajt ta' lqugħ tal-*bricks* faċċata tal-aħħar bini fi Triq Għajn Mhelhel – inbena l-ġewwa mill-ħajt tal-kantun u allura djieqet it-triq u l-kantuniera tal-bankina ta' Panorama Crt tinġab għax xejn – problema biex toħroġ mid-*drive-way*. Talab biex isiru *double lines* quddiem Blk C u Blk D ta' Panorama Crt fi Triq Għajn Mhelhel. Kien miftiehem li ssir *site visit* flimkien mal-Perit tal-Kunsill.

Ilment 54/2012 – is-Sindku
Għandu talba għal żewġ jardi konkos biex jitranġa kanal fi triq ġdida fi Triq is-Sagħtrija. Talba approvata; ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
Żbir tas-siġar taż-żebbuġ. Camilleri qal iż-żbir tas-siġar isir għal ħabta ta' Diċembru.
Xogħol ta' konkos fi Triq Ta' Milied. Gie deċiż li ssir stima tax-xogħol.

Ilment 55/2012 – Patricia Mizzi
Biex jitwaħħal fanal ma' 'Chelsea' fi Trejqet tal-Andar. Talba approvata biex titwaħħal bozza u mhux fanal.

Ilment 56/2012 – George Cefai
Biex issir *protective barrier* mal-kurduna tal-bankina ta' 'Blessed Mother' fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Talba rifjutata – mhux *policy* tal-Kunsill.

Ilment 57/2012 – il-Kunsillier Joe Camilleri
Għandu talba biex titwaħħal mera tat-traffiku fi Triq il-Ponta faċċata ta' Triq tal-Kanun. It-talba kienet approvata.

Ilment 58/2012 – Nardu Zammit
Issir il-manutenzjoni tal-passaġġ li mill-Bajja tal-Qbajjar jagħti għall-*area* ta' Taħt ix-Xifer u t-tarġa li hemm fin-nofs tal-passaġġ tkun eliminata b' rampa biex il-passaġġ ikun aċċessibbli minn kulħadd. Xogħol approvat u jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 59/2012 – Carmen Mifsud
Titħammel mit-trab il-Ħofra tat-Torok fi Triq Ta' Klajru. Il-Kunsill ftiehem li jitlob stima tax-xogħol lil Richard Axiaq u Louis Zammit.

Ilment 60/2012 – is-Sindku
Għandu talba biex isir xogħol ta' traqqiegħ bis-siment fil-bidu ta' Triq Wied l-Infern. Xogħol approvat u jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill qabel f' Jannar 2013 jitrasferixxi l-kontijiet bankarja tiegħu mal-Bank of Valletta.

Dwar il-*webpage* tal-Kunsill, kien miftiehem li jsir kuntatt mill-Viċi Sindku ma' Mark Xerri u jintalab prezz biex jibni mill-ġdid is-sit tal-Kunsill u regolarment jagħmel *update* tiegħu.

Dwar il-bruk li għandna diversi ilmenti dwaru fi Triq ix-Xwejni, ġie deċiż li tintalab stima tax-xogħol lil Paul Borg biex jiżbor dan il-bruk.

Il-Kunsll approva x-xiri ta':

- *safety shoes* lill-ħaddiema tiegħu.
- magna tal-ilma għall-uffiċini tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li:

- isir rikors fil-Qorti għar-rilaxx tal-laptop tal-Kunsill – ikun preżentat mill-Av. Damian Bigeni.
- it-tilqim tal-labra tal-influwenza jsir minn Profs Grech u Ġiġa Cefai.
- tintalab stima lil Savio Saliba biex jiżbor is-siġar ta' mas-sies u jnaddaf id-daħla tar-raħal.
- isiru pilastri tal-konkos u jintużaw il-kanni li nqalgħu minn Triq iż-Żebbuġ (iservu bħala lqugħ) fit-triq li tgħaqqad Triq il-Madonna taċ-Ċiċri ma' Triq l-Oniċi; ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- issir *site visit* mal-Perit dwar ilmenti li qed iżomm ilma tax-xita fi Triq il-Ponta, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u Triq Sant' Indrija.
- isiru *business cards* għall-Kunsillieri
- fuq talba ta' Christian Cassar, issir talba lil Transport Malta biex jitneħħa kompletament is-*single line* li kien sar fi Triq Sant' Indrija.
- dwar Memo 35/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali Skema ta' impjieg inklussiv fil-komunita', għandna nuru l-interess tal-Kunsill li jimpjega persuna mill-lokalita' tlett siegħat fil-ġimgħa u tkun tagħmel xogħol klerikali.
- tintalab stima tax-xogħol lil Richard Axiaq biex iħammel il-Wied ta' Żukku.

Il-Kunsill approva t-tiswija tal-bankina ta' quddiem Qbajjar Restaurant (fejn inqalgħet it-*telephone booth*).

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva